

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2022 – TZ vs Il-Kunsill****(Kawża T-803/22)**

(2023/C 63/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: TZ (rappreżentant: J. Janssen, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli u tilqa' l-motivi għal annullament imressqa f'dan ir-rikors;
- tannulla l-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija <sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat");
- alternattivament, tannulla l-Artikolu 15 tar-Regolament ikkontestat sa fejn dan jippermetti l-ġbir retroattiv ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà għas-sena 2022; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu ir-rikorrent jinvolva żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-Regolament ikkontestat ġie adottat b'mod żbaljat abbażi tal-Artikolu 122(1) TFUE u kellu jiġi adottat mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u konformament ma proċedura leġislattiva speċjali, peress li r-Regolament ikkontestat jinkludi miżuri fiskali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-Regolament ikkontestat jikkostitwixxi ksur tad-dritt għall-proprjetà kif sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-KEDB u fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-prinċipji tal-Unjoni ta' legalità u ta' ċertezza legali, sa fejn ir-Regolament ikkontestat jippermetti applikazzjoni retroattiva.

<sup>(1)</sup> ĠU 2022, L 261 I, p. 1.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2022 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni Ewropea****(Kawża T-830/22)**

(2023/C 63/82)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna u S. Żyrek, aġenti)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jinsabu fl-ittri tat-12 ta' Ottubru 2022 <sup>(1)</sup> u t-23 ta' Novembru 2022 <sup>(2)</sup>, dwar it-tpaciġja tal-kreditu dovuti fir-rigward ta' pagamenti ta' penalità kuljum deċiżi fid-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2021 (Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-204/21 R, EU:C:2021:878) għall-perijodu mill-15 ta' Lulju 2022 sad-29 ta' Awwissu 2022;